MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 18/2008

**A B**
**vs**
**C Det**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors[1] prezentat fit-8 ta' Awissu 2008 li permezz tieghu l-attur talab li jigi awtorizzat li jkompli bil-proceduri odjerni fuq l-istregwa ta' l-ewwel proviso ta' l-artikolu 73 tal-Kap.16 ;

Rat ir-risposta[2] prezentata mill-konvenuta C Dli biha opponiet ghat-talba ta' l-attur rikorrenti ;

Semghet ix-xhieda in propositu ;

Ikkunsidrat;

---

[1] Fols.51 *et seq.*
[2] Fols.57 *et seq.*

Illi l-attur jispjega li huwa kien beda johrog mal-konvenuta C Dghal habta tas-sena 1998, u mill-bidunett tar-relazzjoni taghhom huma kien ikollhom relazzjonijiet intimi bejniethom minghajr prekawzjoni. Wara xi gimgha jew gimghatejn li bdew johorgu flimkien, l-konvenuta nformatu li kienet harget tqila, u f' dak iz-zmien l-attur kien accetta s-sitwazzjoni, u li hu kien il-missier.

Sussegwentement fit-13 ta' Dicembru 1998 twieled it-tifel, u l-attur qiesu bhala l-wild tieghu. Huwa jghid li kien sema' ghejdut fis-sens li l-wild ma kienx fil-fatt tieghu, izda ma tax kaz taghhom, stante li kienx issema' ebda isem, u inoltre, hass li dawn l-ghajdut probabbilment kienu frott ta' ghira ta' terzi ghar-relazzjoni li hu kellu mal-konvenuta.

Eventwalment dawn il-partijiet isseparaw, u beda jinqala' l-inkwiet fuq l-access u l-manteniment tat-tifel, bir-rizultat li l-attur kien anke spicca l-habs. Jirrizulta wkoll li l-attur ilu zmien twil ma jara lit-tifel.

Meta nghatat is-sentenza ta' habs, Dennis Mizzi, ir-ragel ta' ommu, mar jaghmel il-verifiki tieghu, u hemm sar jaf li l-attur kien izzewweg lil C fit-22 ta' Novembru 1999 u li sussegwentement kienu nfirdu. Dan ix-xhud jghid li minn investigazzjoni maghmula minnu, anke go hwienet tax-xorb, gie maghrraf f' Novembru 2007 li l-missier naturali tat-tifel ma kienx l-attur, izda kien certu Jason minn Birkirkara l-ex namrat tal-konvenuta;  u huwa nforma minnufih lill-attur b' din l-informazzjoni, li minn naha tieghu mar ghand l-avukat tieghu u fethu l-proceduri odjerni fit-18 ta Jannar 2008. L-attur spjega li hu kien ha din l-informazzjoni bis-serjeta' peress li gie identifikat missier it-tarbija, bl-ewwel isem tieghu u l-post fejn joqghod.

L-attur jghid li meta lill-konvenuta jghidilha li t-tifel mhux tieghu hija "jew ma titkellimx, jew gieghli tghidli 'haqqek' jew dawn l-affarijiet 'mhux inti accettatju fuqek?'

Inoltre l-attur jghid li ilu circa hames [5] snin ma jara lit-tifel.

Illi l-Qorti hija tal-fehema li f'dan il-kaz, u fuq bazi ta' probabbilita' l-attur ta spjegazzjoni gustifikattiva n-nuqqas tieghu li jipprocedi fit-termini stipulat mill-ligi. Huwa agixxa meta beda jissemma l-isem ta' persuna li x' aktarx kien missier it-tarbija. Inoltre, huwa fl-interess ta' l-attur, li dan ma' jibqax jitghabba bir-responsabbilita' finanzjarja ta' tifel li jista' ma jkunx tieghu, liema fatt jirrendi opportun li l-proceduri odjerni jitkomplew sabiex jigi defenittivament stabbilit jekk huwa huwiex verament il-missier. Dan huwa wkoll fl-interess tat-tifel li m' ghandux jigi ngannat billi jibqa' jinghata x' jifhem li huwa t-tifel ta' l-attur jekk ir-realta' tkun mod iehor. Barra minnhekk, fil-prezent ma jidhirx li hemm rabta emozzjonali soda bejn it-tifel u l-attur, stante li dawn ilhom ma jaraw lil xulxin circa hames [5] snin.

Dan premess u kkunsidrat, it-talba ta' l-attur rikorrenti hija gustifikata u timmerita' li tigi milqugha.

Ghaldaqstant tilqa' t-talba tar-rikorrent, u tordna l-prosegwiment tal-proceduri odjerni.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------